TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Ruth Muscat

Vs

Keith Borg – Digiline Electronics

CCT 5/21/MM

Illum, 23 ta' Mejju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Novembru 2021 fejn talbet is-somma ta' mitejn u dsatax il- Ewro (€ 219) rappreżentanti l-prezz ta' mobile phone mixtri mill-intimat li allegatament kien difettuz.

Illi permezz ta' risposta datata 4 ta' Frar 2021, l-intimat wiegeb billi qal li minkejja li l-mobile sofra hsara waqt il-perjodu tal-garanzija, dan kien unikament tort tal-uzu hazin mir-rikorrenti fejn skontu kien dahal xi tip ta' likwidu gewwa l-mobile.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi min-naha l-wahda ir-rikorrenti tishaq li l-mobile hwua difettuz, filwaqt li l-intimat jghid li l-mobile ma jahdimx ghaliex ixxarrab.

Rita Muscat tirribatti dan billi tishaq li d-difett fil-mobile kien proprju li meta jidhlu l-'calls' biss jaqta' ghalhekk certament mobile imxarrab ma jaghzilx meta jahdem u meta le b'hekk zgur id-difett ma kienx ghaliex il-mobile gie mxarrab.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jikkunsidra li hemm kunflitt ta' provi. Hu jinnota diskrepanza kbira f'dak allegat miz-zewg partijiet b'dan illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija ferm iktar kredibbli. Certament li apparat bhal mobile ma jbghatix b'burdati izda jekk ixxarrab jieqaf jahdem. Ghalhekk dan it-Tribunal ma jhossx li ghandu jiddubita l-verzjoni tar-rikorrenti. Tajjeb ukoll li wiehed jinnota li l-intimat ukoll naqas li jonora t-termini tal-garanzija meta lanqas ipprova mobile iehor sa kemm dak tar-rikorrenti dahal ghat-tiswija. Dawn kienu termini li npona fuqu hu stress u naqas li jsegwihom.

Għalhekk, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti b'dan illi l-intimat ghandu jirrifondiha lura s-somma ta' Euro 219 filwaqt li huwa jzomm il-mobile.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru